MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 416/2007

**Il-Pulizija**
**(Supt. N. Harrison)**
**Vs**
**Sean Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Jannar, 2002 u matul l-ahhar tlettax il-xahar qabel din id-data :

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, w dan bi skur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emmendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' w tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, w dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' w s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN

292/39) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta);

4. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta

5. kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta w psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 3(1) ta’ l-AL 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 16 ta’ l-Att V tal-1985 kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Novembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 17(b) tal-kap. 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, ir-raba’ w is-sitt Taqsima w l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) tal-Kap. 101, ir-regolament 3(1) ta’ l-Avviz Legali 22 ta’ l-1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap.31, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ta’ disa’ xhur u ghall-hlas ta’ multa ta’ tliet mitt lira Maltija (LM300). Il-multa tista’ tithallas b’rati ta’ LM 50 lira Maltija fix-xahar fl-ewwel pagament isir fi zmien erba’ gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc jithallas kollu f’daqqa. Jekk xi parti tal-multa ma tithallasx, din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull LM5 mhux imhallsa.
Galadarba l-inkjesta saret qabel is-16 ta’ Jannar, 2006, il-Qorti ma ordnatx il-hlas ta’ l-esperti ai termini ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta’ Novembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, fil-parti tal-piena, billi minflok tigi mposta piena gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li tenut kont li l-Ewwel Qorti sabet htija taht l-ewwel imputazzjoni, ma setghetx ukoll issib htija taht l-ewwel imputazzjoni. Li z-zewg reati huma alternattivi ghal xulxin bit-tieni imputazzjoni, fl-aghar ipotesi, assorbita, kompriza w involuta fl-ewwel imputazzjoni. Ghalhekk dan kellu jigi rifless mhux biss f' dak li jikkoncerna l-htija, imma wkoll fuq il-piena inflitta. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-artikolu 17(h). Li l-appellant spicca jiddisponi mid-droga mhux biex jarrikkixxi ruhu izda ghax kostrett jaghmel hekk mill-vizzju tad-droga li l-problemi socjali poggewh fih. Peress li wera rieda qawwija li jbiddel ir-rotta w jaqbad it-triq it-tajba, l-piena karcerarja kellha tqarreb aktar lejn il-minimum.

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tal-21 ta' Frar, 2008.

Rat l-Ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat,

Illi dan hu appell dwar il-piena (ghalkemm l-ewwel aggravju donnu jimplika li hemm appell anki dwar is-sejbien ta' htija dwar it-tieni kap - aggravju li pero' mhux rifless fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell). Issa l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara: **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999] **, “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u hafna sentenzi ohrajn.)

F’ dan il-kaz il-piena mhux biss hija decizament entro l-parametri tal-ligi imma wahda mill-aktar baxxi li setghet taghti l-Ewwel Qorti, anki f' kaz li kellu jigi applikat ukoll is-subartikolu (h) tal-artikolu 17 tal-Kap.9 oltra s-subartikolu (b), kif jissottometti l-appellant. Di fatti, fuq l-ewwel akkuza

biss, l-appellant seta gie kundannat ghal piena massima ta' ghaxar snin prigunerija. Meta wiehed umbaghad iqis il-konkors materjali tar-reati li jezisti bejn l-ewwel, it-tielet, ir-raba' w l-hames imputazzjonijiet, din il-piena massima setghet addirittura tizdied b' massimu ta'  tmintax il-xahar prigunerija ohra. L-Ewwel Qorti kienet miti fil-piena minhabba dak li ntqal mir-rapprezentant tas-Sedqa w mill-Probation Officer li hejjiet il-*pre-sentencing report* dwar il-progress kbir li kien ghamel l-appellant u r-rakkomandazzjoni tal-istess Probation Officer dwar il-piena

Illi l-appellant pero' ssoleva - sia pure b' certu mod konfuzjonarju - li hemm l-assorbiment tat-tieni reat  fl-ewwel reat , ghax dan kap alternattiv, u fl-istess hin qal li hu kompriz u involut u fl-istess hin qal ukoll li hu applikabbli l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali. Kjarament hawn l-appellant tefa' kollox b' borza wahda bl-isperanza li xi haga tolqot, minghajr ma ghamel id-distinzjonijiet fini li jezistu fil-koncetti legali ta' imputazzjonijiet alternattivi, konkors reali w materjali, konkors formali w ideali, reati komprizi w involuti w l-assorbiment tal-piena fejn ikun applikabbli l-artikolu 17(h).

Illi dawn id-distinzjonijiet fini diga' jinsabu delineati awtorevolment mill-gurisprudenza nostrana w fid-dottrina w mhux il-kaz li din il-Qorti hawnhekk toqghod tirriepiloga dak li hu ormai stabilit. (ara sentenzi: "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Leli sive Emmanuel Buttigieg"** [23.3.1979] (App. Krim. (Superjuri**); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Vincent Debono"** [10.2.1984] (Appell Kriminali (Superjuri); **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. John sive Ganni Attard u Emmanuel Agius"** (Appell Kriminali (Superjuri) [13.11.,1989]; **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Harrington"** [8.3.1994] (App. Krim. (Superjuri**); "Il-Pulizija vs. Richard Borg u William Mercieca"** [11.12.1997] (App. Krim.); **"Il-Pulizija vs. Emanuel Tabone"** [26.8.1998] (App. Krim.); **"Il-Pulizija vs. Raymond Said"** [9.10.1998]; **"Il-Pulizija vs. Elton Vella"** [24.1.2003] (App. Krim.) u ohrajn.);

Jidher car li f' dan il-kaz, it-tieni imputazzjoni la hija wahda alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni w lanqas reat kompriz u involut fl-ewwel imputazzjoni. Lanqas ma hemm il-konkors formali jew ideali bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni. Pero' indubbjament ir-reat ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv tad-droga eroina kien wiehed li serva bhala mezzi ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar taht l-ewwel imputazzjoni ghar-raguni ovvja li wiehed ma jistax iforni d-droga -eroina f' dan il-kaz- jekk qabel ma jkunx fil-pussess taghha, bi jew minghajr il-kwalifika li dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Ghalhekk f' dan il-kaz, oltre s-subartikolu (b) tal-artikolu 17 tal-Kap.9 citat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, kien ukoll applikabbli ghar-reati taht l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, s-subartikolu (h). Dan pero', ghal xi raguni, ma ssemmiex mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellate. Ghalhekk dan l-aggravju hu ghall-inqas in parti gustifikat in kwantu jista' jkollu rifless fuq il-piena erogata biss u mhux fuq id-dikjarazzjoni ta' htija w ghalhekk qed jigi milqugh.

Illi ghar-rigward tat-tieni aggravju, dan hu manifestament infondat. Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tippronuncja ruha fuq sottomissjonijiet simili w dejjem irriteniet li ma tistax tikkondona li xi hadd iressaq bhala attenwanti ghall-kommissjoni ta' reat ta' traffikar ta' droga, l-kommissjoni ta' reat iehor w cioe' l-pussess tal-istess droga w l-konsum taghha, sija jekk dan ikun ghal-vizzju, ghal kapricc jew ghal kwalsiasi raguni ohra.

Jekk umbaghad l-appellant qed jaghmel xi tentattivi biex johrog minn dan il-vizzju, dan l-ewwel mhu ser jibbenifika minnu hu huwa stess u mhux qed jaghmel xi pjacir lis-socjeta' li gja giet leza bl-agir tat-traffikar tieghu w li maghha jrid jaghmel il-kontijiet.

Illi mbaghad l-appellant kien diga nstab hati mill-Qrati ta' pussess tad-droga eroina f' okkazzjoni wahda u ta' serq aggravat bil-mezz, valur, bil-persuna, bil-lok u bil-hin, apparti reat tat-traffiku. Il-Qrati s'issa dejjem uzaw klemenza w komprensjoni mieghu w fit-tlitt okkazzjonijiet illiberawh b' kundizzjoni jew poggewh taht probation.

Minn dan kollu jidher li ma tghallem xejn u minnflok addirittura ggradwa ghar-reat ta' traffkar tad-droga eroina, oltre l-pussess tad-droga kokaina, cannabis u ecstacy, li taghhom instab hati fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell parzjalmenmt u limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu w in kwantu kkundannatu jhallas multa ta' LM300 ekwivalenti issa ghall-sitt mija w tminja w disghin Ewro w wiehed u tmenin centezmu (Eur. 698.81c) bil-modalita' ta' hlas iffissata mill-Ewwel Qorti, w, peress li bejn it-tieni w l-ewwel imputazzjoni hemm il-konkors tal-pieni li ghalih hu applikabbli l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' disa' xhur prigunerija w minnflok tikkundannah ghal tmin (8) xhur prigunerija.

It-terminu ghall-hlas tal-multa b' pagamenti rateali ta' LM50 fix-xahar, ekwivalenti ghal Euro 116.47c, kull xahar, jibda jiddekorri mil-lum, b' dan li l-ewwel pagament ikun irid isir fi zmien erba gimghat mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------